*Danni wara korriment fuq il-post tax-xogħol;*
*Kap 424; art 1045 tal-Kap. 16*

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 12 ta' Novembru, 2019**

**Numru 7**

**Rikors Numru 943/09TA**

**Mark McBride (I.D. 264189M)**

**vs**

**MK Leisure Limited (C 36713) u b'digriet ta' l-10 ta' Diċembru 2009 ġiet kjamata in kawża ECB Hotel & Catering Equipment Limited u b'digriet tat-3 ta' Frar 2010 ġiet kjamata fil-kawża Mareno Ali S.p.A.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-Attur Mark Anthony McBride ippreżentat fit-30 ta' Settembru 2010 u maħluf minnu stess fl-istess jum li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

> "Illi l-esponent jaħdem bħala *chef patissiere* mas-soċjeta` intimata ġewwa l-istabbiliment Montekristo Estate, Ħal-Farruġ;
>
> Illi xogħolu jikkonsisti kemm fil-preparazzjoni u preżentazzjoni ta' l-ikel, kif ukoll fit-tindif ta' l-apparat li huwa juża għal dan l-iskop;

Illi fit-28 ta' Diċembru 2007, waqt li kien qiegħed jnaddaf *cooker* tal-marka "Mareno" fil-kċina tas-soċjeta` intimata fl-istabbiliment imsemmi, l-esponenti laqat xifer ta' dan il-*cooker* b'idu b'mod illi tajjar subajh iż-żgħir ta' idu leminija;

Illi b'riżultat ta' l-inċident msemmi, ir-rikorrent sofra danni konsistenti f'leżjonijiet personali ta' natura gravi u permanenti, kif jirriżulta miċ-ċertifikati mediċi annessi, u kif ser jiġi ppruvat f'aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi sa llum, minkejja li għaddew kważi sentejn mill-inċident, u *nonostante* medikazzjoni u trattamenti, l-esponent għadu jbati minn uġigħ, tnemnim u telf ta' saħħa f'subajh, konsegwenzi kwindi di natura permanenti. Di piu` *trattandosi* ta' *chef* li jkollu jaħdem ta' kuljum b'idejh, din illeżjoni hija waħda gravi;

Illi l-inċident ilmentat seħħ waqt li r-rikorrent kien qiegħed jaqdi dmirijietu fuq il-post tax-xogħol, u seħħ unikament tort tas-soċjeta` intimata li naqqset li tieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa biex tassikura li l-post tax-xogħol li fih kellu jaħdem ir-rikorrent, kien wieħed tassew żgur u mingħajr perikolu;

Illi għalhekk l-esponent iħoss li għandu jiġi debitament kkumpensat għad-dannu li sofra, u li għadu qed isofri kaġun ta' dan l-inċident, inkluż iżda mhux biss, għall-ispejjeż li nkorra f'visti, medikazzjoni u trattamenti;

Illi r-rikorrent sejjaħ lis-soċjeta` intimata diversi drabi sabiex taddivjeni għal-likwidazzjoni u l-eventwali ħlas ta' dawn id-danni, iżda dina baqgħet inadempjenti mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;

Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-esponenti jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lis-soċjeta` intimata unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fit-28 ta' Diċembru 2007 ġewwa l-kċina ta' Montekristo Estates, Ħal-Farruġ, u li fih l-esponent weġġa' subajh ż-żgħir ta' idu leminija;

2. Tiddikjara illi b'riżultat li ta' dan l-inċident l-esponent sofra danni konsistenti f'debilita` permanenti, u dan okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-esponent kaġun ta' l-imsemmi inċident, u dan anke permezz ta' periti nominandi għal dan l-iskop kemm-il darba jkun il-każ; u

4. Tikkundanna lis-soċjeta` intimata sabiex tħallas lir-rikorrent dawk id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali, inklużi dawk ta' l-ittri bonarji datati 25 ta' Marzu 2008, 23 ta' Ottubru 2008, 16 ta' Novembru 2008, 5 ta' Marzu 2009, 25 ta' Marzu 2009, 4 ta' Mejju 2009 u 8 ta' Lulju 2009, kif ukoll tal-ittra uffiċjali datata 15 ta' Mejju 2009, kontra s-soċjeta` intimata li ġiet inġunta in subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetá intimata MK Leisure Limited Valletta ippreżentata fl-10 ta' Diċembru 2009 u maħlufa fid-9 ta' Diċembru 2009 minn Anthony Paris li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:-

"1. Illi fl-ewwel lok ġie sottomess illi l-apparat in kwistjoni u ċioe' l-apparat li bih ir-rikorrent allegatament sofra debilita` permanenti ġie supplit lis-soċjeta` intimata mis-Soċjeta' ECB Hotel & Catering Equipment Limited, liema apparat irriżulta li ma kienx '*finished*' skond is-sengħa u l-arti u għalhekk kien proprju minħabba tort, negligenza u traskuraġni da parti ta' l-istess ECB Hotel & Catering Equipment Limited li seħħ l-inċident imsemmi. Fil-fatt is-soċjeta` intimata interpellat hi stess diversi drabi lis-Soċjeta' ECB Hotel & Catering Equipment Limited, anki permezz ta' ittra uffiċjali (Dok MK 1), sabiex terfa' r-responsabbilta' ta' l-inċident *de quo* iżda din baqgħet inadempjenti. In vista ta' dan is-soċjeta` esponenti taghmel talba formali lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiġi kjamata fil-kawża s-soċjeta` ECB Hotel & Catering Equipment ta' 40, Triq ix-Xatt, Pieta` MSD 08;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attriċi kif dedotti filkonfront tas-soċjeta` intimata huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li s-soċjeta` intimata bl-ebda mod ma kienet responsabbli għall-inċident in kwistjoni u dan kif ser jiġi ippruvat fil-mori ta' din il-kawża;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta` intimata dejjem aġixxiet ta' *bonus pater familias* u ħadet il-prekawzjonijiet kollha neċessarji u realistikament possibbli għas-sigurta` tal-ħaddiema tagħha u għaldaqstant ma tistax tinstab responsabbli għall-inċident *de quo*;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetá kjamata in kawża E.C.B. Hotel & Catering Equipment Limited li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:-

"1. Illi fl-ewwel lok, is-soċjeta` intimata m'hijiex illeġittimu kuntradittur u għaldaqstant għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju u għandha tiġi kjamata fil-kawża s-soċjeta` Mareno Ali S.p.A. ta' 15, Via Schiaparelli, 31029 Vittorio Veneto (TV) fl-Italja, li immanufatturat u biegħet l-imsemmi '*open base cupboard*' lis-soċjeta` E.C.B. Hotel & Catering Limited li xtrat l-'*open base cupboard*' minn għandha għall-bejgħ f'Malta u għalhekk kwalsiasi responsabilita` aħħarija hija tas-soċjeta` barranija;

2. Illi fil-mertu, it-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li s-soċjeta` intimata ma kellha ebda responsabilita` għall-inċident mertu tal-kawża u għalhekk ma teżisti ebda relazzjoni ġuridika bejn il-kontendenti;

3. Illi l-oġġett huwa provenjenti mill-Unjoni Ewropea biċ-ċertifikati kollha neċessarji tal-'*Health & Safety*' maħruġin mill-awtoritajiet kompetenti Ewropej u rigward l-*istandards* kollha rikjesti mil-Liġi Ewropea qabel ma ġie mibjugħ u mibgħut u esportat, ġie ċertifikat li laħaq l-*istandards* rikjesti skond il-Liġi;

4. Illi dan tant huwa minnu li skond il-Liġi jekk loġġett ma jkunx provenjenti mill-Unjoni Ewropea u m'għandux iċ-ċertifikat "CE", dan ma jistax jiġi mibjugħ u/jew esportat lil pajjiż ieħor fl-Unjoni Ewropea;

5. Illi ġjaladarba dan ġie importat f'Malta, wieħed għandu jassumi li l-oġġett in kwistjoni laħaq dawn l-*istandards* mistennija mill-Unjoni Ewropea u dak allegat mir-rikorrenti ma jista' qatt ikun minnu għax huwa kontrasens illi wieħed għandu jassumi li l-inċident ġara b'nuqqas ta' xi *standard* rikjest skond il-Liġi iżda minħabba tort ta' l-istess rikorrent;

6. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess u fi kwalunkwe każ u bħala danni, is-soċjeta` intimata qegħdha tikkontesta d-danni reklamati mir-rikorrent;

Salvi eċċezzjonijiet oħra."

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetá kjamata in kawża Mareno Ali S.p.A. tat-18 ta' Awwisu, 2010 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:-

"1. Illi preliminarjament ġie eċċepit illi l-isem "Mareno Ali S.p.A." ma jeżistix, u kwindi hemm lok għall-korrezzjoni fl-isem tas-soċjeta` kjamata in kawża u għaldaqstant, u sakemm issir tali korrezzjoni, l-esponenti għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-partijiet l-oħra f'din il-kawża, jew min minnhom;

2. Illi wkoll in linea preliminari t-talbiet tar-rikorrent McBride huma preskritti fil-konfront tas-soċjeta` Mareno Ali S.p.A., *ai termini* ta' l-Art. 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, is-soċjeta` esponenti tiddikjara li m'għandha lebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrent McBride, *stante* li hi qatt ma nnegozzjat jew ittrattat miegħu b'xi mod, imma, *se mai* ma' terzi persuni, u kwindi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda fil-konfront ta' l-esponenti;

4. Illi subordinatament għat-tieni eċċezzjoni, u mingħajr preġudizzju għall-istess, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda blispejjeż kontra r-rikorrent McBride, u dana *stante* li linċident in kwistjoni ma seħħx b'xi tort tas-soċjeta` esponenti iżda tort tar-rikorrent stess minħabba negliġenza u traskuraġni da parti tiegħu; u tort tas-soċjeta` konvenuta MK Leisure Limited li naqset milli tipprovdi "*a safe workplace*" għall-impjegat tagħha; u dana kif ser jiġi ippruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-każ;

5. Illi jsegwi għalhekk illi ma hemm l-ebda danni x'jiġu llikwidati a favur ir-rikorrent McBride, li fi kwalunkwe każ għandu jressaq kull prova valida skond il-Liġi sabiex jipprova t-telf tiegħu, kemm *lucrum cessans* kif ukoll *damnum emergens*;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skond il-każ."

Rat is-sentenza parzjali datata 5 ta' Marzu 2012 permezz ta' liema din il-Qorti diversament presjeduta laqgħet it-tieni eċċezzjoni tas-soċjetá kjamata in kawża Mareno Ali S.p.A. bażata fuq il-preskrizzjoni u għalhekk iddikjarat li l-azzjoni attriċi hija preskritta fil-konfront tas-soċjetá Mareno Ali S.p.A. u lliberataha mill-osservanza tal-ġudizzju.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Ġunju 2019 fejn il-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Fi żmien li ġiet istitwita l-kawża l-Attur kien jaħdem bħala pastry chef mas-soċjetá intimata fl-istabbiliment Montekristo Estate Ħal Farruġ. Fit-28 ta' Diċembru 2007 l-Attur u kok ieħor Kurt Saliba ġew mogħtija struzzjonijiet mill-Executive Chef Paul Borg sabiex inaddfu u jisbarazzaw il-kċina. Din il-kċina kienet ġdida u kienet għadha kemm ġiet stallata ftit ġimgħat qabel l-inċident (ara affidavit ta' John Cutajar a' fol 156 u Mario Cutajar a' fol 157).

**2.** Waqt li kien qed inaddaf in-naħa ta' taħt tal-ixkaffa ta' four-burner cooker, l-Attur qatgħa subajgħ iż-żgħir max-xifer. L-Attur ntbagħat l-isptar fejn hemmhek irriżulta li kellu qatgħa forma ta' 'V' bil-maqlub mill-qiegħ ta' subgħajh iż-żgħir sa' nofsu u li kellu bżonn jagħmel il-punti (ara affidavit Attur a' fol 49, affidavit ta' l-Executive Chef Paul Borg a' fol 48 u affidavit ta' Kurt Saliba a' fol 47).

**3.** B'konsegwenza ta' dan il-korriment l-Attur ma setax jirritorna lura x-xogħol qabel Mejju tas-sena 2008. Matul dan iż-żmien, huwa għamel

operazzjoni, sarulu iktar punti, idejh ġiet mqiegħda fi splint tal-ġips għal sitt ġimgħat u wara beda terapija ta' rijabilitazzjoni biex jerġa jikseb is-sensazzjoni u l-moviment li kien tilef f'subgħajh (ara affidavit tal-Attur a' fol 50).

**4.** L-Attur isostni li s-Soċjetá Konvenuta M.K. Leisure Limited hi responsabbli għal dan il-korriment u d-danni konsegwenzjali għaliex l-inċident seħħ unikament tort tagħha li naqqset li tieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa biex tassikura illi l-post tax-xogħol li fih kellu jaħdem l-esponent, kien wieħed sikur u mingħajr perikolu (ara premessa numru sitta a' fol 1). Huwa talab li s-Soċjetá Konvenuta tikkumpensah għad-danni sofferti minnu minħabba dan l-inċident u l-korriment konsegwenzjali.

**<u>Punti ta' Liġi</u>**

**5.** It-talba tal-Attriċi hija waħda għad-danni wara korriment fuq il-post tax-xogħol.

**6.** Ġie ritenut li "*Il-prinċipji ġenerali li jirregolaw is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u r-responsabbiltajiet ta' min iħaddem huma ben stabbiliti fil-ġurisprudenza tagħna u anke mfissra f'Liġi speċjali.*

*Bħala prinċipju ġenerali l-ħarsien tas-saħħa u s-sigurta` fuq ix-xogħol għandu jitqies ta' interess pubbliku" (Art. 2(a) tal-Att.VII tal-1994 ripetut fl-art 4(1) tal-Att XXVII of 2000 (Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Sussegwentement dan l-obbligu kompla jiġi regolat bl-Avviz Legali 44 tas-sena 2002 (LS 424.15) u bl-Avviz Legali 36 ta' l-2003 (LS 424.18).).*

*Huwa dmir ta' min iħaddem li jipprovdi dik li tissejjaħ bħala "a safe system of work", b'dan li huwa obbligu tiegħu li jipprovdi mezzi, apparat u ambjent li ma jkunux ta' perikolu u riskji għas-saħħa u l-ħajja tal-istess impjegat - Att biex jippromwovi s-**Saħħa u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xogħol - Att Numru VII tal-1994** fl-**artikolu 2(2)(a) u (b)** (Ara per.es.- "**John Sultana vs Francis Spiteri et noe"** (K. 28 ta' Mejju 1979); **"Emmanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et noe"** (A.C. 7 ta' Diċembru 1994); **"Keith Caruana vs Joseph Paris et nomine"** (P.A. 12 ta' Frar 1999)) li jelenka b'mod ġenerali d-dmirijiet ta' min iħaddem. Ukoll "Huwa dmir ta' kull min jaħdem fuq post tax-xogħol li jħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema l-oħra fl-istess post, kif ukoll tiegħu stess" (**Art. 2(2)(c) Att. VII tal-1994**).*" (**Robert Azzopardi vs Gutenberg Press Limited, Qorti Ċivili Prim' Awla, 31 ta' Ottubru 2013.** Ara ukoll **Sentenza fl-ismijiet Kevin Mallia vs Alfred Mizzi & Sons (Marketing) Limited tad-9 ta' Ottubru 2003 u Sentenza Cini vs Wells nomine tad-29 ta' Mejju 2001).**

**7.** Kif insenjat fis-sentenza **Carmelo Fenech vs Malta Freeport Terminals** mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim' Awla per Imħallef Joseph R. Micallef fis-16 ta' Mejju 2019, *" Illi d-dottrina tgħallem illi fil-qasam ta' responsabbiltà dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll*

*speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabiltà għal egħmil jew nuqqas ta' egħmil tagħha (Art. 1031 tal-Kap 16).*

*B'żieda ma' dan, kull min iħaddem jrid iwieġeb għal aġir mal-ħaddiem tiegħu Art. 1037 tal-Kap 16, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh (**App. Ċiv. 28.4.2017 fil-kawża fl-ismijiet Tessie Cardona et vs C.V. Builders Ltd. Et)**;*

*Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbiltà fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa (Art. 6(2) tal-Kap 424) u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem Art. 6(3) tal-Kap 424;*

*Illi daqstant ieħor huwa stabbilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina*

*tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni (***Kumm. JH 9.9.1981 fil-kawża fl-ismijiet Godfrey Borg vs George Wells et noe (mhix pubblikata ċitata supra).** *Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi (***P.A. 10.10.1980 fil-kawża fl-ismijiet Calleja vs Fino (mhix pubblikata***);*

*Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbiltà li jaqa' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (Art. 7(1) tal-Kap 424), u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti (Art. 7(2) tal-Kap 424) u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel* **(P.A. RCP 30.10.2008 fil-kawża fl-ismijiet Richard Farrugia vs Elbros Construction Ltd***). B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru (***P.A. TM 9.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd ċitata supra***);"*

**8.** Irid ukoll jingħad li l-posizzjoni f'każ ta' sinistri ta' din ix-xorta fuq il-post tax-xogħol, il-posizzjoni taħt il-ligi tagħna hija bħal dik prevalent taħt il-*common law* Ingliża. Fil-ktieb "**Occupational Health & Safety Law" ta' Brenda Barrett et (3rd Edit. 1997 paġna 28 )** intqal li fejn hemm kuntratt ta' impieg *"it could be said that there was an implied duty to take care for the personal safety of the other party to the contract."* Dan ifisser li kif ġie osservat fis-**Sentenza fl-ismijiet Debono vs Malta Drydocks li ingħatat fis-27 ta' April 2005** hu biżżejjed għall-ħaddiem li juri n-nuqqas ta' teħid ta' miżuri adegwati, bl-obbligu imbagħad ikun fuq min iħaddem biex jipprova jiskolpa ruħu.

**9.** Interessanti ukoll dak li jingħad minn Giovanna Visintini fir-rigward tal-liġi taljana dwar infortuni fuq il-post tax-xogħol:

*"Passando a' considerare l'altra previsione dell'obblio di sicurezza a' carico del datore di lavoro anhe qui una evoluzione guirisprudenziale che, gia alla fine del secolo scorso, escogita la costruzione dell'obbligo contrattuale di titular l-incolumita' dell'operaio, spostando la casistica delgli infortuni sul lavoro dal terreno della responsabbilita' aquiliana a quella contrattwale con i relattivi vantaggi di ordine probatorio-processuale per l'infortunato"* (**Giovanna Visitini, Trattato Brve della Responsabilita' Civile Cedm. Ed 1996. pg 99**).

**10.** Jidher għalhekk, li diversi sistemi ġuridiċi ma jridux li jqegħdu fi svantaġġ proċedurali lill-ħaddiem, li f'sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta huwa

meqjus bħala l-parti l-aktar vulnerabbli. Dan qiegħed jingħad, mingħajr ebda ħsara għad-dritt ta' min iħaddem, li jressaq il-provi kollha meħtiega biex jinħeles mir-responsabbilita' tal-okkorrenza tas-sinistru.

**Konsiderazzjonijiet**

**11.** Senjalati l-prinċipji legali u ġurisprudenzjali u tagħlim legali applikabbli għal-każ in diżamina, din il-Qorti issa sejra tikkunsidra l-eċċezzjonijiet sollevati mis-Soċjetá Konvenuta.

**12.** Is-Soċjetá msemmija laqgħet għal din l-azzjoni billi għalkemm irrikonoxxiet li l-'*apparat irriżulta li ma' kienx 'finished' skond is-sengħa u l-arti*', hija eċċepiet li r-responsabbilitá għal dan in-nuqqas għandha tintrefa mis-Soċjetá li ssuplitha b'dan l-apparat, jiġifieri s-Soċjetá ECB Hotel & Catering Equipment Limited. Is-Soċjetá Konvenuta kompliet ssostni li hi ma hijiex responsabbli għall-inċident billi dejjem aġixxiet bħala bonus paterfamilias.

**13.** Is-Soċjetá ECB Hotel & Catering Equipment ġiet fil-fatt kjamata fil-kawża wara li l-Qorti laqgħet it-talba tas-Soċjetá Konvenuta għaldaqshekk permezz ta' digriet datat 10 ta' Diċembru 2009.

**14.** Fir-risposta ġuramentata tagħha s-Soċjetá ECB Hotel & Catering Equipment laqgħet billi preliminarjament eċċepiet li ma hijiex il-leġittimu kuntradittur u li għandha tiġi kjamata in kawża s-soċjetá li mmanifatturat l-apparat li kkaġuna l-korriment tal-Attur, jiġifieri Mareno Ali SpA. Fil-mertu

is-soċjetá ECB Hotel & Equipment inter alia eċċepiet ukoll li ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika mal-Attur.

**15.** Din il-Qorti diversament presjeduta laqgħet it-talba tas-soċjetá ECB Hotel & Catering Equipment għal kjamata fil-kawża tas-soċjetá Mareno Ali SpA iżda sussegwentement illiberata mill-osservanza tal-ġudizzju b'sentenza parzjali mogħtija fil-5 ta' Marzu 2012 (a' fol 118).

**16.** L-Attur dejjem sostna li "*hija s-soċjetá MK Leisure Ltd li hija responsabbli, u li hi biss għandha twieġeb għat-talbiet tiegħu. Għalhekk huwa ħarrek lilha biss…It-talbiet tiegħu kienu u għadhom diretti esklussivament lejn is-soċjetá MK u lejn ħadd iżjed, u dan abbażi tar-relazzjoni li huwa kellu magħha, in kwantu kien impjegat tagħha u li l-inċident seħħ meta huwa kien qiegħed iwettaq l-obbligi tiegħu lejha waqt il-ħin tax-xogħol*" (ara nota ta' sottomissjonijiet para 20 u 21 a' fol 207).

**17.** Din il-Qorti hija pjenament konkordi ma dak sottomess mill-Attur. Fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, il-kriterju li Qorti għandha tqis sabiex tiddetermina r-responsabbilitá għal dawn l-inċidenti huwa *"jekk il-post tax-xogħol huwiex taħt il-kontroll ta' min jagħti x-xogħol"* (**Benjamin Sammut vs Meli Bugeja Co. Ltd**, **Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 10 ta' Lulju 2006**). Isegwi għalhekk, li d-dover li jiżgura li l-ambjent tax-xogħol tar-rikorrenti, meta seħħ l-inċident, kien wieħed sikur u ħieles minn kull perikolu kien jaqa fuq is-soċjetá MK Leisure Ltd. Kienet din is-Soċjetá li inkarigat lill-Attur jaħdem fil-post fejn seħħ l-inċident. Jirrisulta li l-ambjent

tax-xogħol fejn sar l-inċident kien pjenament taħt il-kontroll tagħha u għaldaqstant is-Soċjeta' Konvenuta MK Leisure Limited għandha titqies li hija l-leġittimu kontradittriċi biex tirrispondi għat-talbiet tal-Attur.

**18.** Dawn il-Qrati jgħallmu li "*Min iħaddem għandu jieħu taħt il-kontroll tiegħu s-sit fejn ikun se jibgħat il-ħaddiema tiegħu u jivverifika hu li dak is-sit mhux konduċenti għal perikli għas-saħħa tal-ħaddiema tiegħu. Huma dover ta` min iħaddem li jispezzjona l-post, jevalwa r-riskji involuti u jinsisti mal-imprenditur li jagħmel ix-xogħolijiet meħtiega biex ineħħi kull riskju ta` periklu; jekk l-imprenditur ma jkunx irid jikkoopera, allura min iħaddem għandu jirrifjuta jesegwixxi x-xogħol u jesponi l-ħaddiema tiegħu għal perikli. Kif tajjeb osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża "Bugeja vs Montanaro Gauci", deċiża fl-14 ta` Mejju, 2004, "huwa daqstant importanti fil-kuntest ta` responsabbilita` li l-ambjent kollu fejn jaħdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-iċkenn possibilita` ta` infortunji fuq ix-xogħol. Dan l-obbligu huwa generalment rikonoxxut bħala dmir tal-employer li jipprovdi 'a safe place of work'".*" (**Mayor Scicluna v. TN Waterproofing Ltd, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 20 ta' April 2007; ara wkoll Katerinu Farrugia vs Tabib Principali tal-Gvern et, Qorti Ċivili Prim' Awla, 15 ta' Marzu 2017; Raymond Zarb vs Industrial Projects Services Limited, Qorti Ċivili Prim' Awla, 26 ta' Mejju 2016).**

**19.** Din il-Qorti sejra għalhekk, tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetá ECB Hotel and Catering Equipment Limited u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju billi hija għal kollox estranea għall-akkadut.

**20.** Is-Soċjetá MK Leisure Ltd issostni li "għamlet dak kollu li raġonevolment setgħet tagħmel biex tippreveni l-inċident" (ara nota ta' sottomissjonijiet a' fol 217 para 5). Jirriżulta iżda li din is-Soċjetá m'għamlet xejn għajr li ordnat u xtrat l-apparat minghand is-soċjetá ECB Hotel & Catering. L-istallazzjoni ħadet ħsibha l-istess soċjetá ECB Hotel & Catering u s-Soċjetá Konvenuta MK Leisure straħet kompletament fuq il-konferma verbali tas-Soċjetá ECB Hotel and Catering li l-kċina kienet 'ready for use'. Dan fuq ir-raġuni pjuttost simplistika li l-kumpanija ECB Hotel and Catering kellha 'reputazzjoni tajba' (ara x-xhieda ta' Charles Micallef a' fol 132).

**21.** Is-Soċjeta' MK Leisure m'għamlet xejn biex tiżgura s-sigurtá tal-istess apparat, kif kien id-dmir tagħha taħt ir-regolament 3 tal-Avviż Legali 282 ta' l-2004, illum revokat bl-Avviż Legali 293 tal-2016. Lanqas ħadet ħsieb tagħmel l-ispezzjonijiet neċessarji kif kien jinkombi fuqha li tagħmel ai termini tar-regolament 5 tal-istess A.L. 282/04 sabiex tiżgura li l-apparat tax-xogħol ġie installat sew. Minflok skarikat ir-responsabbilitá tagħha fuq l-Attur għax, fi kliemha, "għażel li ma jlissinx kelma" fuq il-periklu tal-ħadida li magħha huwa weġġa.

**22.** Din il-Qorti tikkondividi s-sottomissjoni ulterjuri tal-Attur billi ma hemm xejn fl-atti li juru li l-Attur kien konsapevoli li x-xifer tal-ħadida in kwistjoni kien jaqta' daqshekk (ara a' fol 231). Anzi fix-xhieda tiegħu l-Attur sostna li "ma nfurmajt lil ħadd qabel kelli l-injury fir-rigward ta' din il-ħadida għax ma kontx naf li taqta' hekk"(ara fol 140B). Di più l-Qorti tosserva li ai termini tar-regolament 8 tal-imsemmi A.L. 282/04, kien jinkombi fuq is-Soċjetá konvenuta MK Leisure, u mhux fuq l-Attur, biex jiżgura li l-ħaddiema jkollhom għad-disposizzjoni tagħhom informazzjoni adegwata u, fejn meħtieġ, struzzjonijiet bil-miktub dwar l-apparat tax-xogħol li jintuża f'xogħolhom.

**23.** Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tikkonkludi li s-Soċjetá Konvenuta taħti għal korriment li sofra l-Attur. Għalhekk sejra tgħaddi biex tikkonsidra x-xorta tad-danni li qed jiġu reklamati minnu.

**Likwidazzjoni danni**

**24.** Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (damnum emergens) u t-telf ta' qliegħ futur (lucrum cessans). Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiz 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

**25.** Speċifikatament, *damnum emergens* jikkonsisti fit-"*telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din*

*il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali*". Fil-waqt li *Lucrum cessans* jikkonsisti fit-"*telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib*." Is-somma tad-danni hi rimessa ghall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti kif fuq inghad, fil-limiti stabbiliti mil-ligi permezz tas-sub-inciz 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Civili: "*Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja*." (**Paul Debono vs Malta Drydocks**, **Qorti Ċivili Prim' Awla, 27 ta' April 2005**)

*Telf ta' qliegħ futur*

**26.** Jirriżulta li l-Attur ma tilef xejn mill-introjtu tiegħu bħala pastry chef tant li, kif ġia ingħad, wara l-korriment l-Attur kompla fl-istess mestier u laħaq grad ogħla bħala executive pastry chef. Taħt dan il-profil il-Qorti sejra tagħmel referenza għal dak insenjat mill-**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Ċivili (per Imħallef Anthony Ellul)**

**fil-kawża Gużeppi Grech et vs Emanuel Sultana et datata 24 ta' Ġunju 2008:**

"*Il-ġurisprudenza lokali mxiet fid-direzzjoni li tillikwida lucrum cessans anke fejn mill-provi ikun irriżulta li strettament id-danneġġjat ma jkunx sofra telf ta' paga jew qligħ attwali jew għal quddiem. Fil-kawża* ***Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et*** *deċiża fis-16 ta' Marzu 2004, ġie osservat: "Huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana li kumpens għal diżabilita' permanenti huwa dovut anke jekk il-persuna danneġġata ma titlef xejn mill-introjtu tagħha – ara f'dan ir-rigward George Gatt vs Francis E. Carbone nomine deċiża minn din il-qorti diversament komposta fis-7 ta' Lulju 1998 u diversi sentenzi oħra in materja." Sewwa qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Noel Arrigo) fil-kawża* ***Susanne Davis et vs Anthony Galea*** *deċiża fl-10 ta' Ottubru 1997 li "Il-maggior parti tas-sentenzi tagħna invece* ***jistrieħu biss fuq il-fatt ta' disabilita'*** *mingħajr ma jsir eżami profond jekk dik id-diżabilita' hijiex verament sejra tikkaġuna telf futur." Din hi r-realta', minkejja l-fatt li minn qari tal-provvediment jidher li din qegħda tirregola l-effett li ħsara għandha fuq qligħ attwali u tal-futur tad-danneggjat. F'dan il-kuntest l-istess Qorti fil-kawża* ***Joseph Caruana vs Joseph Gafa*** *deċiża fid-29 ta' Mejju 1998 reġgħet ikkonfermat li: "Fl-iżvilupp preżenti tal-ġurisprudenza tagħna huwa forsi neċessarju li l-bżonn ta' ċertezza u nuqqas ta' ambigwita' jimponu teorija li teżigi li kull tip ta' disabilita' permanenti twassal għat-telf futur fil-proporzjon tal-persentagg tagħha." (Fil-kawża li diġa' saret*

*riferenza għaliha fl-ismijiet* ***Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et,*** *jingħad: "Din il-Qorti lanqas ma tikkondividi s-sottomissjoni tal-appellanti li l-gradd baxx ta' diżabilita' għandu jxejjen il-possibilita' li jiġi akkordat kumpens u dan għaliex il-grad ta' diżabilita' li jiġi stabbilit permezz ta' esperti in materja qiegħed hemm mhux biex il-qorti tiddetermina jekk hux jew le dovut kumpens, iżda pjuttost kemm dak il-kumpens ser ikun."). Proposta li biha jigi rikonoxxut li d-danneġġjat jiġi kkumpensat irrispettivament dwar jekk fir-realta' l-ħsara kellix effett fuq il-qligħ attwali u tal-futur tad-danneġġjat, u kollox ikun jiddependi mill-grad ta' inkapaċita' li jkun sofra.*

*Tajjeb li ssir riferenza għal numri ta' sentenzi li l-qorti tqies li huma rilevanti:-*

*(a)* ***Joseph Smith vs Peter Grech*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imħallef Albert Magri) fl-4 ta' Ottubru 1995, id-danneġġjat kellu 67 sena u minkejja l-ġrieħi li sofra xorta "…kien u baqa ser jirċievi l-pensjoni bl-increments kollha tagħha." Madankollu l-Qorti llikwidat id-danni bil-metodu stabbilit fis-sentenza Butler vs Heard in kwantu skond il-Qorti, dik is-sentenza kienet tikkontempla "danni futuri anke f'każli dawn, bħal fil-każ in eżami, mhux ser jiġu sofferti."*

*(b)* ***Francis Farrugia vs David Darmanin*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Raymond Pace) fil-21 ta' Marzu 2002. Id-danneġġjat ma kienx jaħdem għaliex kien ġie boarded out u kien qiegħed jirċievi pensjoni*

*ta' diżabilita. Il-qorti xorta għaddiet biex tillikwida d-danni bħala lucrum cessans. Il-Qorti spjegat: "Illi madanakollu huwa għandu jiġi kkumpensat tad-danni li sofra dejjem tenut kont tas-sitwazzjoni rejali tieghu, fejn jidher li l-istess konvenut kien qata' mix-xoghol u anke qabel l-incident ma kienx f'posizzjoni li jaħdem." Dan minkejja li ġie ċertifikat li r-rata ta' debilita' kienet biss ta' 1% u ma kienitx effettwat il-qliegħ futur tiegħu. Il-qorti għaddiet biex tillikwida d-danni fuq bażi ta' arbitrio boni viri.*

*(c)* ***Saviour Sammut et vs Robert Demanuele*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Geoffrey Valenzia) fit-12 ta' Lulju 2002. F'dan il-każ id-danneġġjata kienet mara tad-dar u kellha 65 sena. Il-Qorti xorta għaddiet biex tillikwida lucrum cessans.*

*(d)* ***Sylvia Rosso vs Etienne Galea*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Joseph R. Micallef) fit-3 ta' April 2003. Fil-jum ta' l-inċident (6 ta' Ġunju 2000) l-attriċi kellha 65 sena. Il-Qorti osservat: "Illi l-attriċi wriet li, għalkemm kienet armla, qabel l-inċident kienet mara attiva li tħobb il-ħruġ u ż-żfin u kienet tivvjaġġa. Dawn l-attivitajiet naqsu sewwa wara l-inċident …. Hija bir-raġun kollu tissottometti li bil-liġi jistħoqqilha tingħata kumpens għall-ġrieħi li ġarrbet, ukoll jekk qabel ma kinitx taħdem bi qligħ, għall-fatt li hija kienet mara tad-dar u kienet iżżomm id-dar hi bil-ħidma tagħha. Minbarra dan, hija wriet li kienet tgawdi minn stat ta' saħħa tajjeb qabel seħħ l-inċident u għalhekk kienet mistennija tgawdi minn żmien ta' ħajja attiva għal għadd ta' snin oħrajn, li kieku ma kienx għalih." Il-Qorti*

*għaddiet biex tillikwida l-kumpens mistħoqq lill-attriċi taht it-titlu ta' lucrum cessans.*

*(e)* ***Emanuel Buhagiar vs Kyle Stone et*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Geoffrey Valenzia) fit-28 ta' Frar 2007. Fil-ġurnata tal-inċident l-attur kellu 73 sena u kien attiv ħafna, jimxi fit-tul u jfendi għal rasu. Wara l-incident kellu bżonn bastun, beda jsofri minn dipressjoni għaliex ma setax ikompli jagħmel l-attivita' li kien jagħmel qabel. Il-Qorti għaddiet biex tillikwida kumpens mistħoqq lill-attur fuq bazi ta' arbitrio boni viri taħt it-titlu ta' lucrum cessans.*

*(f)* ***Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et*** *deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Marzu 2004. Id-danneġġjat kellu 74 sena u ġie ċertifikat li qiegħed isofri minn debilita' ta' 5%. L-ewwel qorti xorta għaddiet biex tillikwida d-danni minkejja li rriżulta li bħala dħul kellu l-pensjoni u li l-incident ma kellux effett fuq dan l-introjtu. Madankollu l-qorti ġġustifikat id-deċiżjoni li tagħmel kalkolu tat-telf ta' qligħ futur minħabba "l-ispejjeż żejda li jkollu jagħmel minħabba d-diżabilta' tiegħu dawn ifissru qliegħ inqas għalih…….". Spejjeż li mis-sentenza ma jirriżultax x'setgħu kienu. Għal finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni għalkemm l-attur kellu din l-eta' avvanzata, il-Qorti xorta għamlet użu mill-formola li normalment tintuża f'każijiet simili fejn trid issir likwidazzjoni ta' lucrum cessans u addottat multiplier ta' għaxar (10) snin. Il-Qorti ta' l-Appell*

*irriduċiet il-multiplier għal tmien (8) snin peress li l-attur miet fil-kors tal-proċeduri.*

*Din il-Qorti tibqa' ssostni li xorta tal-fehma li l-intervent tal-leġislatur għandha sservi bħala mezz sabiex dak li qiegħed jingħad fil-ġurisprudenza jkun rifless fil-provvedimenti tal-liġi.*"

**27.** L-awtur taljan Torrenti jsostni li *"la valutazione del danno puo' esser laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E' guisto per tanto, che al giudice sia attribuito in materia in quanto le parti non riescono a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo."* **(Torrente, Manuele Di Diritto Privato 11th Ed, pg 652 )**. Dan donnu li huwa l-każ fis-sistema ġuridiku tagħna skont il-kriterji ġenerali ffissati bis-subinciz (2) tal-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. B'danakollu intqal, li fl-istat attwali tal-iżvillupp ġurisprudenzjali tagħna l-ġudikant ma għandux għalfejn jaqa' fuq kriterju ekwittativ ta' arbitrio boni viri, meta bl-għajnuna ta' metodu prattikabbli ġiet mill-Qorti stabbilita formula dwar kalkolu ta' kumpens jew somma għad-danni sofferti (ara Sentenza Michael Butler vs Christopher Hurd tat-22 ta' Diċembru 1967). Għalhekk fid-dawl ta' dan it-tagħlim din il-Qorti ser tgħaddi biex tiffissa d-danni skont il-liġi.

*Perċentwali ta' diżabilita'*

**28.** L-Attur ippreżenta żewġ rapporti mediċi tal-konsulenti li kienu eżaminawh l-isptar. It-tabib C. Sciberras ikkonkluda li l-Attur qed ibati minn diżabilitá permanenti ta' 2% (ara rapport a' fol 12). It-tabib Zammit ikkonkluda li l-Attur qed ibati minn diżabilitá permanenti ta' 10% (ara rapport a' fol 16). L-espert imqabbad min din il-Qorti kkonferma l-istess rata ta' diżabilitá mogħtija mit-tabib C. Sciberras, jiġifieri 2% (ara rapport a' fol 146).

**29.** Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-Attur jargumenta li t-tabib Zammit wasal għal rata ogħla ta' 10% għaliex "ikkonsidra l-mestier tar-rikorrent, u kwindi l-effett ta' disabilitá fuq tali mestier" (ara fol 204 para 15). Jirriżulta iżda li d-diżabbilitá li qed isofri l-Attur konsegwenza tal-korriment li ġarrab m'affettwatx il-ħidma tiegħu f'dan il-mestier tant li kompla jaħdem fih. Anzi l-Attur avvanza f'din il-linja tax-xoghol peress li issa qiegħed jaħdem bħala *executive* pastry chef mal-kumpanija James Caterers (ara rapport Dr. Swain a' fol 145). Għal din ir-raġuni l-Qorti ma tarax li għandha tiddiskosta ruħha mil-konklużjoni raġġunta mill-espert tal-Qorti li wara kollox tikkonferma dik raġġunta mit-tabib Sciberras mqabbad ex parte. Isegwi għalhekk li r-rata ta' diżabbilitá għandha tkun dik ta' 2%.

**30.** Aktar minn hekk, din il-Qorti, abbażi tal-prinċipju ta' minimizazzjoni tad-danni u kif ukoll abbażi tal-fatt li l-Attur baqa' f'posizzjoni li jkompli

jaħdem, anzi tejjeb il-posizzjoni tiegħu, ir-rata li għandha tittieħed in konsiderazzjoni għall-fissazzjoni ta' danni hija dik kif stabbilita mill-espert tal-Qorti u ċioe' ta' 2%. Din il-Qorti ma jirriżultawlha ebda raġunijiet partikulari għalfejn għandha tillarga mill-apprezzamnet li għamel il-Perit maħtur mill-Qorti.

*Salarju*

**31.** Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-Attur jargumenta li mill-payslips u l-FS3's presentati minnu, għandu jirrisulta li huwa kellu salarju annwu gross ta' ċirka €29,000 (a' fol 204). Minn naħa l-oħra, iż-żewġ Soċjetajiet Konvenuti jaqblu li abbażi tal-FS3 għas-sena 2008, liema dokument ġie presentat mill-Attur stess, il-paga grossa tiegħu kienet ta' €25,814 (a' fol 33). Fis-sewwa, dak li qegħdin jgħidu s-Soċjetajiet Konvenuti huwa minnu, għalkemm irid jingħad ukoll li mill-payslips għas-sena 2009, jidher li s-salarju tal-Attur kien xi ftit iżjed minn dak għas-sena 3008. Għalkemm l-Attur isostni li s-salarju tiegħu kien "ta' ċirka €29,000", fin-nuqqas ta' prova konkreta f'dan ir-rigward u kif ukoll abbażi tal-fatt illi l-eqreb prova ta' salarju komplut tirreferi għas-sena 2008, ikun ġust u ekwu li s-salarju jinħadem fuq iċ-ċifra ta' €25,814. Irid jingħad li l-Attur jargumenta ukoll li għandu jsir kalkolu fuq salarju ta' €35,000, sabiex din tirrifletti ż-żieda potenzjali fis-salarju tiegħu. F'dan ir-rigward l-Attur għandu raġun. Di fatti dawn il-Qrati irritenew kemm-il darba li din iż-żieda potenzjali trid tittieħed in konsiderazzjoni.

**32.** **Fis-Sentenzi Apap vs Degiorgio deċiża App 16 ta' Jannar 1984 u Sultana vs Malta Drydocks Corporation deċiża Kumm. 28 ta' Mejju 1979,** ġie ddikjarat illi fil-kalkolu tal-paga l-Qorti trid tikkunsidra ż-żieda potenzjali fid-dħul tal-imġarrab. (Ara ukoll **Emanuel Bartolo u Glenn Bartolo vs Karl Vella Petroni tat-3 ta' Frar 2012).** Għalhekk abbażi tal-prinċipju ta' ġustizzja ekwitattiva ser tkun qed tiffissa din iż-żieda potenzjali fl-ammont ta' €2,500.

*Aspettativa tal-ħajja lavorattiva*

**33.** L-Attur twieled fit-12 ta' Frar, 1970. Dan jargumenta li fid-dawl tal-fatt li meta seħħ l-inċident inkwistjoni huwa kellu 37 sena, għandu jkun hemm multiplier ta' 25 sena jiġifieri sakemm jagħlaq 62 sena. Fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ, anke b'konsegwenza li fiż-żminijiet li qegħdin ngħixu illum, tnax-il sena wara li seħħ l-inċident, l-eta' pensjonabbli dejjem qegħdha tiżdied, din il-Qorti tħoss li dak li jikkontendi l-Attur huwa ġustifikabbli.

*Lump sum payment u lucrum cessans*

**34.** Skont il-ġurisprudenza ormai stabbilita, il-*lump sum payment* huwa dak ta' 20%. Imma din il-Qorti ma tistax ma tieħux in konsiderazzjoni l-fatt li l-inċident seħħ fl-2007 u s-Sentenza ser tingħata ben 12-il sena wara. Il-fattur tad-dewmien għandu jirrifletti fit-tnaqqis ta' din il-*lump sum payment.*

**35.** Iżda dawn il-Qrati għallmu ukoll li l-*lump sum payment* ta' 20% jitnaqqas meta jkun għadda żmien qasir mill-event damnuż u s-sentenza finali [ara **Scicluna vs Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001**]. Fil-kawża tal-Prim Awla **Caruana vs Camilleri PA 5 ta' Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-*lump sum deduction*" (ara **Agius vs Fenech 29 ta' Ottubru, 2003**). Fil-kawża tal-**Prim Awla Mizzi vs Azzopardi tas-16 ta' Diċembru, 2004** is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li fil-kawżi **Spiteri vs Zammit Tabona App Ċiv Sup 16/3/99 u Caruana vs Camilleri App Ċiv Sup 27/2/04,** minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fil-**kawża Galea vs Piscopo PA 3/10/03,** 5% **f'Scicluna vs Meilaq PA 16/7/01** u 0% fil-kawżi **Turner vs Agius App Civ Sup 28/11/03, Bonnici vs Gauci PA 15/9/99** meta għaddew 15-il sena, **f'Zammit vs Zahra PA 20/01/05** meta għaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana Kum 20/4/90** meta għaddew 19-il sena.

**36.** Fil-waqt li fil-każ in eżami għaddew 12-il sena mill-inċident, il-Qorti tirrikonoxxi ukoll, li fiċ-ċirkostanzi d-dewmien ma kienx jaħti għalih id-danneġjant. Normalment ir-riduzzjoni kienet tkun ta' 8%. Fil-każ in eżami l-Attur intavola l-kawża sentejn wara l-inċident. Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma li t-tnaqqis tal-*lump sum payment* għandu jkun ta' 10%.

**37.** Għaldaqstant abbażi tal-prinċipji fuq imsemmija, u fid-dawl tat-tagħlim ġurisprudenzjali din il-Qorti qegħdha tiffissa u tillikwida in linea ta' *lucrum cessans* l-ammont ta' €14, 117 konsistenti f'salarju ta' €25,814 multiplikat b'25 darba li jammonta għal €645,350. 2% ta' dan l-ammont huwa €12,907. Naqqas 10% *lump sum payment* jiġu għal €11,617. Iżżid magħhom €2,500 rappreżentanti potenzjal ta' dħul li jammonta b'kollox għal €14,117.

Telf Attwali

**38.** Ħlief għall-ispejjeż legali u ġudizzjarji, l-Attur qiegħed f'dawn il-proċeduri jirreklama danni attwali fl-ammont ta' €160 rappreżentanti spejjeż tal-konsulent Sciberras (ara nota a' fol 204 para 16 u rċevuta a' fol 15). Dan l-ammont ma jirriżultax li ġie kontestat mis-soċjetá ntimata MK Leisure Limited. Din il-Qorti għalhekk tillikwida d-danni li sofra l-Attur f'telf attwali fl-ammont ta' €160.

**39.** Dan ifisser li l-ammont totali li qed ikun likwidat bħala danni sofferti mill-Attur huwa dak ta' €14,277.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tas-Soċjetá Konvenuta kjamata in kawża ECB Hotel & Catering Equipment Limited u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara lis-Soċjetá Konvenuta MK Leisure Limited unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fit-28 ta' Diċembru 2007 ġewwa l-kċina ta' Montekristo Estates, Ħal-Farruġ, u li fih l-Attur weġġa subajgħ iż-żgħir ta' idu l-leminija;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tiddikjara illi b'riżultat ta' dan l-inċident l-Attur sofra danni konsistenti f'debilita permanenti ta' 2%;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tillikwida d-danni kollha sofferti mill-Attur kaġun tal-imsemmi inċident fl-ammont ta' erbatax-il elf mitejn u sebgħa u sebgħin Ewro (€14,277);

**Tilqa' r-raba talba attriċi** u tikkundanna lis-Soċjetá Konvenuta MK Leisure Limited sabiex tħallas lill-Attur dawk id-danni hekk likwidati u ċioe' l-ammont ta' erbatax-il elf mitejn u sebgħa u sebgħin Ewro (€14,277) bl-imgħaxijiet legali mill-preżenti sal-pagament effettiv.

**L-ispejjeż** tal-kawża jitħallsu mis-Soċjetá Konvenuta MK Leisure Limited.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**